FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR ID-29 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
JOHN BUGEJA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Bugeja ta' 30 sena bin Paul u Emanuela nee Camilleri imwieled Pieta fis-26 t'April 21969 u joqghod 143, Triq Santa Katerina Qormi jew Shaun Flats, Triq il-Kappella tan-Nunzjata, Salini limiti tan-Naxxar ID Card No 510978M talli matul il-lejl ta' bejn l-20u l-21 ta' Jannar 1999 gewwa Hal Qormi ikkommetta serq ta' television u video player tal-marka Inno Hit li l-valur taghhom huwa ta' madwar Lm260 mill-fond nru 71C, Triq Santa Katerina, Qormi ghad-dannu ta' Giovanna Bugeja, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, persuna u ammont u dan bi ksur tal-artikoli 261(b),(c),(d)(f), 263(a), 267, 268(d) u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok ucirkostanzi xjentement xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex jbieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-proprjeta tal-fond fuq imsemmi, liema hsara hija ta'

aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500 ghad-dannu tal-istess Giovanna Bugeja u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fis-17 ta' Jannar 1999 u fil-gimgha ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specificikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pusess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta  kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi  (GN292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli b'hekk sar ricediv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-8 ta' Jannar 1980 (Awla F) fid-9 ta' Gunju 1994 (Awla nru 5), fis-26 ta' Marzu 1992 (Awla A) u fis-27 ta' Gunju 1997 (Awla nru 3).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-7 ta' Frar 2002 fejn il-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat Art 261(b)(c)(d)(f), 263, 267, 268, 270, 334, 325(b), 49 u 50 tal-kap 9, Art 28A u 28G tal-kap 9, Reg 8 Avviz Legali 292/1939 kif emendat mill-kap 101 u taqsima 4 u 6 tal-kap 101 u tikkundannah ghall- erbatax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.